31993R0339

17.2.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 40/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSIL L (KEE) Nru. 339/93

tat-8 ta' Frar 1993

dwar kontrolli għall-konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti fil-każ ta' prodotti importati minn pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Billi l-prodotti ma jistgħux jitpoġġew fuq is-suq Komunitarju sakemm ma jikkonformawx mar-regoli applikabbli; billi l-Istati Membri huma għalhekk responsabbli biex jagħmlu kontrolli fuq il-konformità tagħhom;

Billi, minħabba t-tneħħija ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni tal-Komunità skond l-Artikolu 8a tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom, meta jwettqu kontrolli fuq il-fruntieri esterni, jaġixxu skond regoli dettaljati komparabbli sabiex jevitaw kwalunkwe distorsjoni li tista' teffettwa b'mod negattiv is-sigurtà u s-saħħa;

Billi, b'attenzjoni xierqa għall-poteri ta' u l-mezzi disponibbli għall-amministrazzjonijiet nazzjonali kkonċernati, l-awtoritajiet doganali għandhom, fil-każ ta' prodotti minn pajjiżi terzi, jkunu involuti mill-viċin fl-operazzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq u fis-sistemi ta' informazzjoni pprovduti taħt ir-regoli kemm tal-Komunità kif ukoll dawk nazzjonali;

Billi, b'mod partikolari, jekk l-awtoritajiet doganali jsibu, meta jwettqu kontrolli marbuta mal-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera li l-merkanzija turi ċertu karatteristiċi li jqajmu dubju serju dwar l-eżistenza ta' riskju serju u immedjat għas-saħħa u s-sigurtà, dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jissospendu r-rilaxx ta' din il-merkanzija u li jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tas-suq sabiex dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jieħdu azzjoni xierqa;

Billi l-istess għandu japplika meta, fl-istess ċirkostanzi, l-awtoritajiet doganali jsibu li xi dokument li suppost jakkumpanja l-prodotti hu nieqes u/jew li l-prodotti li m'humiex immarkati kif speċifikat fir-regoli tal-Komunità jew dawk nazzjonali dwar is-sigurtà tal-prodotti li huma fis-seħħ fl-Istat Membru fejn hija mfittxija li ssir iċ-ċirkolazzjoni libera;

Billi, fl-interess ta' l-effikaċja u l-koordinazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali responsabbli sabiex jissorveljaw is-suq li għandhom jiġu nnotifikati mill-awtoritajiet doganali fil-każijiet imsemmija hawn fuq;

Billi, meta tiġi nnotifikata b'dan il-mod, l-awtorità responsabbli għandha tkun f'pożizzjoni li tivverifika jekk il-prodotti inkwistjoni jħarsux ir-regoli tal-Komunità jew dawk nazzjonali dwar is-sigurtà tal-prodotti;

Billi, madanakollu, din l-awtorità għandha taġixxi f'perjodu qasir biżżejjed fid-dawl tad-dubju serju msemmi hawn fuq u l-obbligi internazzjonali li jorbtu lill-Komunità, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu ma' kontrolli dwar il-harsien ta' standards tekniċi;

Billi, għalhekk, sakemm l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tas-suq ma jeħdux azzjoni, inkluża l-adozzjoni ta' miżuri protettivi *interim*, f'dak l-istess perjodu, ir-rilaxx tal-prodotti inkwistjoni għal ċirkolazzjoni libera għandu jiġi awtorizzat sakemm il-formalitajiet l-oħra kollha ta' l-importazzjoni ikunu ġew issodisfati;

Billi, madanakollu, dan ir-Regolament għandu, fl-interess tal-konsistenza, japplika biss sakemm ir-regoli tal-Komunità dwar saħħa u sigurtà ma jkunx fihom dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma l-organizzazzjoni ta' kontrolli fuq il-fruntiera fuq prodotti speċifiċi;

Billi dawn il-kontrolli għandhom iħarsu, min-naħa waħda, il-prinċipju tal-proporzjonalità u għandhom għanlhekk iħarsu strettament ir-rekwiżiti u, min-naħa l-oħra, l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Armonizzazzjoni tal-Kontrolli fuq il-Fruntiera ta' Merkanzija, li ġiet approvata f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1262/84 ([2]);

Billi, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni, il-Kummissjoni u kull Stat Membru għandhom ifittxu li jiżguraw it-trasparenza tal-miżuri meħuda sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament, filwaqt li l-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu lil xulxin bl-assistenza kollha meħtieġa;

([1]) ĠU C 329, tal-15. 12. 1992, p. 3

([2]) ĠU L 126, tat-12. 5. 1984, p. 1

Billi, b'mod partikolari, l-awtoritajiet doganali għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni, xierqa għall-eżerċizzju tad-doveri tagħhom, miksuba minn tagħrif dwar, min-naħa waħda, l-prodotti jew kategoriji ta' prodotti li huma kkonċernati b'mod iktar speċifiku u, min-naħa l-oħra, l-immarkar ta' prodotti u d-dokumenti li jakkumpanjawhom;

Billi l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sorveljata sabiex ikunu jistgħu jsiru, fejn meħtieġa, aġġustamenti fl-interess ta' l-effikaċja;

Billi dan ir-Regolament jifforma parti integrali mill-politika komuni kummerċjali; billi huwa limitat għal dak li hu meħtieġ għall-operazzjoni mingħajr xkiel tal-kontrolli mwettqa fuq prodotti impurtati minn pajjiżi terzi sabiex jiġi żgurat li jħarsu r-regoli dwar sigurtà tal-prodott applikabbli fis-suq Komunitarju;

Billi dawn il-kontrolli għandhom iħarsu l-obbligi tal-Komunità taħt GATT li tmexxi l-kummerċ fuq bażi mhix diskriminatorja u taħt il-Kodiċi GATT dwar Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ, li tistabbilixxi li m'għandhomx jiġu applikati standards bħala mezz sabiex jinħolqu ostakoli għall-kummerċ internazzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

— "awtorita nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq" għandha tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali nnominati mill-Istati Membri, u li huma meħtieġa mill-istess Stati Membri sabiex jikkontrollaw il-konformità tal-prodotti mqiegħda fis-suq Komunitarju jew nazzjonali mal-leġislazzjoni Komunitarja jew dik nazzjonali applikabbli,

— "dokument li jakkumpanja" għandu jfisser kull dokument li jrid jakkumpanja prodott fiżikament meta dan jitqiegħed fis-suq, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità jew dik nazzjonali fis-seħħ,

— "immarkar" għandu jfisser kwalunkwe marka jew tikketta li l-prodotti għandhom iġibu skond il-leġislazzjoni tal-Komunità jew dik nazzjonali fis-seħħ u li jiċċertifikaw li l-prodott jikkonforma ma' dik il-leġislazzjoni;

— "awtoritajiet doganali" għandha tfisser l-awtoritajiet responsabbli għal, *inter alia*, l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali.

L-Artikolu 2

Meta, fil-kuntest ta' kontrolli li jwettqu fuq merkanzija dikjarata għar-rilaxx għaċ- ċirkolazzjoni libera, l-awtoritajiet doganali jsibu:

— prodott jew lott ta' prodotti juru ċerti karatteristiċi li jqajmu dubju serju li jagħti lok li wieħed jemmen li jeżisti riskju serju u immedjat għas-saħħa jew sigurtà fil-każ li dak il-prodott jintuża taħt kundizzjonijiet normali u prevedibbli, u/jew

— prodott jew lott ta' prodotti ma jkunux akkumpanjati minn dokument jew m'humiex immarkati skond ir-regoli tal-Komunità jew dawk nazzjonali dwar is-sigurtà tal-prodotti applikabbli fl-Istat Membru fejn ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa hu mfittex, huma għandhom jissospendu r-rilaxx tal-prodott jew tal-lott ta' prodotti inkwistjoni u għandhom jinnotifikaw minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq.

L-Artikolu 3

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni, li għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan, dwar l-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq li hu jkun innomina biex tiġi infurmata jew jiġu infurmati kull meta jiġi applikat l-Artikolu 2.

L-Artikolu 4

1. L-awtorità nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq għandha tkun f'pożizzjoni li taġixxi fir-rigward ta' kull prodott li r-rilaxx tiegħu jkun ġie sospiż mill-awtoritajiet doganali skond l-Artikolu 2. Fin-nuqqas ta' azzjoni bħal din, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5 għandu japplika.

2. Fil-każ ta' merkanzija li jitħassru, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq u ta' l-awtoritajiet doganali għandhom, sa fejn hu possibbli, jassiguraw li kull rekwiżit li huma jistgħu jimponu fir-rigward tal-ħżin ta' merkanzija jew l-ipparkjar tal-vetturi użati għat-trasport ma jkunux inkompatibbli mal-preservazzjoni ta' dik il-merkanzija.

L-Artikolu 5

Meta, wara li ssir intervenzjoni skond l-Artikolu 4, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq jidhrilhom li l-prodott inkwistjoni ma jippreżentax riskju serju u immedjat għas-saħħa u s-sigurtà u/jew li ma jistax jitqies li jmur kontra l-liġijiet tal-Komunità jew dawk nazzjonali dwar sigurtà tal-prodott, il-prodott inkwistjoni għandu jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa dejjem jekk ir-rekwiżiti u l-formalitajiet l-oħrajn kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dan ir-rilaxx ikunu ġew issodisfati.

Dan għandu japplika wkoll jekk, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mis-sospensjoni tar-rilaxx, l-awtoritajiet doganali, wara li jkunu applikaw l-Artikolu 2, ma jkunux ġew innotifikati dwar xi azzjoni, inklużi miżuri kawtelatorji, meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq.

L-Artikolu 6

1. Meta l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott inkwistjoni jippreżenta riskju serju u immedjat, huma għandhom, skond ir-regoli Komunitarji jew dawk nazzjonali applikabbli, jieħdu mizuri sabiex jipprojbixxu li l-prodott jitqiegħed fis-suq u għandhom jistaqsu lill-awtoritajiet doganali sabiex jinkludu waħda mid-dikjarazzjonijiet segwenti fuq l-irċevuta kummerċjali li takkumpanja l-prodott u fuq kull dokument relevanti ieħor ta' akkumpanjament:

— "Producto peligroso -no se autoriza su despacho a libre práctica -Reglamento (CEE) nº 339/93",

— "Farligt produkt -overgang til fri omsaetning ikke tilladt -forordning (EØF) nr. 339/93",

— "Gefährliches Erzeugnis -Überführung in den zollrechtlich freien Verkehr nicht gestattet -Verordnung (EWG) Nr. 339/93",

— "Επικίνδυνο προϊόν — Δεν επιτρέπεται η ελεύθερη κυκλοφορία — Κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 339/93",

— "Dangerous product - release for free circulation not authorized - Regulation (EEC) No 339/93",

— "Produit dangereux -mise en libre pratique non autorisée -règlement (CEE) nº 339/93",

— "Prodotto pericoloso -immissione in libera pratica non autorizzata -regolamento (CEE) n. 339/93",

— "Gevaarlijk produkt -het in het vrije verkeer brengen ervan niet toegestaan -Verordening (EEG) nr. 339/93",

— "Produto perigoso -colocaçao em livre prática nao permitida -Regulamento (CEE) nº 339/93".

2. Meta l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott inkwistjoni ma jikkonformax mar-regoli tal-Komunità jew dawk nazzjonali fis-seħħ dwar sigurtà tal-prodotti, huma għandhom jieħdu azzjoni xierqa li tista', jekk ikun neċessarju, tinkludi l-projbizzjoni tal-prodott milli jitqiegħed fis-suq skond ir-regoli msemmija; f'każijiet meta t-tqegħid fis-suq ikun ipprojbit, huma għandhom jistaqsu lill-awtoritajiet doganali sabiex jinkludu waħda mid-dikjarazzjonijiet segwenti fuq l-irċevuta kummerċjali li takkumpanja l-prodott kif ukoll kwalunkwe dokument relevanti ieħor ta' akkumpanjament:

— "Producto no conforme -no se autoriza su despacho a libre práctica -Reglamento (CEE) nº 339/93"

— "Ikke overensstemmende produkt -overgang til fri omsaetning ikke tilladt -forordning (EØF) nr. 339/93",

— "Nichtkonformes Erzeugnis -Überführung in den zollrechtlich freien Verkehr nicht gestattet -Verordnung (EWG) Nr. 339/93",

— "Ακατάλληλο προϊόυ - Δεν επιτρεπεται η ελενδερπ κυκλοφορια - Κανονισμος (ΕΟΚ) αριφ. 339/93",

— "Product not in conformity - release for free circulation not authorized - Regulation (EEC) No 339/93",

— "Produit non conforme -mise en libre pratique non autorisée -règlement (CEE) no 339/93",

— "Prodotto non conforme -immissione in libera pratica non autorizzata -regolamento (CEE) n. 339/93",

— "Niet-conform produkt -het in het vrije verkeer brengen ervan niet toegestaan -Verordening (EEG) nr. 339/93",

— "Produto nao conforme -colocaçao em livre prática nao permitida -Regulamento (CEE) nº 339/93".

3. Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1468/81 tad-19 ta' Mejju 1981 dwar assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali jew agrikoli [1] għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

4. Meta l-prodott inkwistjoni jiġi sussegwentement iddikjarat għal destinazzjoni doganali apparti mir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tas-suq ma joġġezzjonawx, d-dikjarazzjonijiet elenkati fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu inklużi wkoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, fuq id-dokumenti użati inkonnessjoni ma' dik id-destinazzjoni.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu japplika biss sakemm ir-regoli tal-Komunità ma jkunx fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kontrolli fuq il-fruntiera ta' prodotti speċifiċi.

F'ebda ċirkostanza ma għandu dan ir-Regolament japplika fil-każijiet li jaqgħu taħt ir-regoli tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa tal-pjanti, kontrolli veterinarji u żooteknići u l-ħarsien ta' l-annimali.

L-Artikolu 8

Fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tiegħu, għandha tiġi magħmula lista tal-prodotti jew tal-kategoriji ta' prodotti li, fil-kuntest tar-regoli Komunitarji, jaqgħu b'mod iktar speċifiku taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2, skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 9; il-lista għandha tiġi magħmula abbażi ta' l-esperjenza u/jew tar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti. Skond l-istess proċedura, din il-lista għandha tiġi reveduta, kif u meta jkun neċessarju, sabiex tiġi adatata għas-sitwazzjonijiet il-ġodda li jirriżultaw mill-esperjenza u l-iżvilupp tar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

[1] ĠU L 144, tat-2. 6. 1981, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 945/87 (ĠU L 90, tat-2. 4. 1987, p. 3).

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat il-miżuri abbozzati li jelenkaw- jew jemendaw – lista tal-prodotti jew tal-kategoriji ta' prodotti li jaqgħu b'mod iktar speċifiku taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'limitu ta' żmien li l-president jista' jistabbilxxi skond l-urġenza tal-miżuri li jridu jittieħdu. L-opinjoni għandha tingħata skond il-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill hu meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-kumitat għandhom jiġu peżati skond kif huwa stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li għandhom japplikaw immedjatament.

(b) Madanakollu, jekk il-miżuri previsti ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, għandhom jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ:

— għandha tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li hi tkun iddeċidiet għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet xhur mid-data ta' din il-komunikazzjoni.

— waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel inċiż.

L-Artikolu 10

Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tal-marki u dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 1 u kif meħtieġ taħt ir-regoli Komunitarji jew taħt ir-regoli tiegħu stess, flimkien mar-raġunijiet għall-istruzzjonijiet mogħtija lill-awtoritajiet doganali bil-għan li jiġi applikat it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni li tkun irċeviet lill-Istati Membri l-oħra minnufih. Dawn il-karatteristiċi għandhom jintbagħtu għall-ewwel darba fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 11

1. Jekk, sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament, Stat Membru jiddeċiedi li hemm bżonn li jiġu nominati punti ta' *clearance* doganali speċjalizzati għal kontrolli fuq ċerta merkanzija, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan; il-Kummissjoni għandha żżomm aġġornata u tippubblika lista ta' punti ta' *clearance* doganali speċjalizzati.

2. Ir-rabtiet li jirriżultaw mill-obbligu taħt il-paragrafu 1 li wieħed jgħaddi minn punt ta' *clearance* doganali speċjalizzat ma jistgħux ikunu sproporzjonati, fir-rigward ta' l-operaturi ekonomiċi, ma' l-objettiv inkwistjoni, b'konsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi attwali li jistgħu jiġġustifikaw dak l-obbligu.

L-Artikolu 12

Kull Stat Membru għandu, fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jkun adotta sabiex jimplimentah. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk id-dispożizzjonijiet lill-Istati Membri l-oħra.

L-Artikolu 13

Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tiegħu u għandha tipproponi kull bidla li hi tħoss li hija xierqa. L-Istati Membri għandhom, bliskop li jabbozzaw dak ir-rapport, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha li għandha x'taqsam mal-mod kif huma japplikaw ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-istatistika li għandha x'taqsam ma' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6.

L-Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ xahar wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Frar 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

J. TRØJBORG